# KOMPOŻITURI TA' MUŻIKA SAGRA

minn Mro Raymond Attard



Minn qalbi nsellem lill-poplu kollu ta' Sannat flimkien mall-kumitat ħabrieki tal-Banda Santa Margerita. Nawguralhom il-festa t-tajba u ħafna suċċessi mużikali fil-ġejjieni.

F'dan l-artiklu se ngħid xi ħaġa dwar il-mużika sagra fil-knejjes tagħna ta' Malta u Għawdex. Fl-imgħoddi kellna bosta nies li għamlu isem kbir fil-qasam mużikali. Sfortunatament illum issib minn iwarrabhom għax jgħidulek dawn issa għadda żmienhom; pero' min jagħmel hekk ikun sejjer imqarraq bil-kbir, għax dan ifisser li nkunu qegħdin inwarrbu patrimonju mużikali kbir. Nies bħal dawn għandna nkomplu nfakkruhom u mhux inwarrbuhom. Tassew ħasra meta tmur tisma xi programm mużikali bandistiku jew orkestrali u tul il-programm kollu ħlief mużika ta' kompożituri barranin ma tismax. Dan jidher bħala nsult kbir għall-pajjiżna u xejn anqas lejn dawn in-nies ħutna li kitbu tant xogħlijiet mill-isbaħ u ta' devozzjoni, speċjalment fejn tidħol mużika sagra. Ma jistax ikun li nsemmi l-ismijiet ta' ħafna u ħafna kompożituri li għamlu tassew ġieh lil Malta u Għawdex. Dan għaliex żgur li nħalli xi wħud barra. Hekk titlob il-prudenza. Imma la darba qed nikteb fuq ktejjeb li toħorġu s-Soċjeta Mużikali Santa Margerita ta' Sannat, jixraq u huwa dover li nsemmi lis-Surmast Censu Caruana Spiteri mwieled fir-raħal ta' Ħal Luqa u miet u midfun ta' Sannat.

Dan u bir-raġun naf li huwa marbut u mlaqqam sħiħ ma' qalbkom. Biżżejjed ngħidu li f'raħalkom semmejtu triq għalih. Tassew Caruana Spiteri għandu għax wieħed jgħidlu grazzi għaliex ħalla repertorju kbir ta' mużika sagra fil-parroċċa ta' Sannat. Ħafna u ħafna minn din il-mużika hija wkoll orkestrata u tinstema f'jiem il-festa. Fost il-ħafna kompożizzjonijiet ta' min isemmi l-antifona Veni Sponsa Christi, bosta salmi, responsorji, tantum ergo, u nnijiet oħra. Tkun ħaġa sewwa ħafna kieku xi student universitarju għad jagħmel eżami kritiku tal-mużika ta' Caruana Spiteri. Hekk dan il-bniedem jiġi aktar apprezzat.

**Mro CARLO DIACONO (1876 - 1942)**

Twieled iż-Żejtun fl-1876. Il-ħila mużikali wrieha sa minn ċkunitu, u ta' sittax il-sena kien appuntat direttur mużikali tal-Banda Beland, w organista tal-knisja matriċi w arċipretali ta' Santa Katerina Żejtun. Ħa t-taħriġ tiegħu mas-surmast Paolino Vassallo. Idderieġa f'bosta knejjes f'Malta u Għawdex. Ikkompona għadd kbir ta' quddies, antifoni, tantum ergo, litaniji, salmi, responsorji u oratorju; fosthom "A San Paolo Naufrago". Ma dan ta' min isemmi il Cantico di Frate Sole li kellu kliem ta' tifħir fil-gażżetti ta' l-4 ta' Ottubru 1927. Is-saċerdot Lorenzo Perosi kitiblu: "Il-mużika tiegħek ħennietni fid-dwejjaq tiegħi," u Pietro Mascagni ikkummenta, "Diacono stess ma jafx x'talent kbir mużikali għandu".

Dan isaħħaħ dak li diġa ktibt li għandna ngħożżu l-mużika sagra li nippossiedu fil-parroċċi tagħna. U aktar ma nisimgħu din il-mużika wieħed aktar japprezzaha minn qalbu.